



Brussell, 30 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13311/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0326(COD)

CODEC 1722
ECOFIN 943
EF 258
PREP-BXT 38
PE 132

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fir-rigward tal-post tas-sede tal-Awtorità Bankarja Ewropea - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 22 sal-25 ta' Ottubru 2018)

I. INTRODUZZJONI¹

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni², saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-għan li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, u b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

¹ L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-Verżjoni EN

² ĠU C 145, 30.6.2007, p.5

F'dan il-kuntest, il-korelaturi, Othmar KARAS (PPE, AT) u Pervenche BERÈS (S&D, FR), ippreżentaw żewġ emendi (l-emenda 2 u l-emenda 3) għall-proposta għal Regolament f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji. Dawn l-emendi kien intlaħaq qbil dwarhom matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fil-25 ta' Ottubru 2018, il-plenarja adottat żewġ emendi (l-emenda 2 u l-emenda 3) għall-proposta għal Regolament. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni legiſlattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan³.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

³ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni legiſlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet fit-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

Il-post tas-sede tal-Awtorità Bankarja Ewropea *I**

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE)

Nru 1093/2010 fir-rigward tal-post tas-sede tal-Awtorità Bankarja Ewropea (COM(2017)0734 – C8-0420/2017 – 2017/0326(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0734),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0420/2017),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 295 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, li jissottolinjaw l-impenn favur kooperazzjoni leali u trasparenti tul iċ-ċiklu leġiżlattiv kollu u l-ugwaljanza taż-żewġ koleġiżlaturi;
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati, tad-19 ta' Lulju 2012,
- wara li kkunsidra l-proċedura li wasslet għal deċiżjoni dwar ir-rilokazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) (EBA) fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, approvata fil-marġini tal-Kunsill Ewropew (l-Artikolu 50 TUE) fit-22 ta' Ġunju 2017;
- wara li kkonsulta mal-Bank Ċentrali Ewropew;
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Jannar 2018⁴,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-17 ta' Ottubru 2018 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

⁴ ĠU C 197, 8.6.2018, p. 72

- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A8-0153/2018),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kunsill meħmuża ma' din ir-risoluzzjoni;
 3. Jitlob rieżami immedjat tal-Approċċ Komuni anness mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati, tad-19 ta' Lulju 2012, sabiex jitqies ir-rwol tal-Parlament fil-proċess deċiżjonali dwar is-sede tal-aġenziji fid-dawl tal-prerogattivi tiegħu bħala koleġiżlatur fl-ambitu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u jitlob, għalhekk, li l-Parlament ikun involut mill-qrib f'dak il-proċess deċiżjonali;
 4. Ifakkar fil-kriterji definiti mill-Kummissjoni u approvati mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE27 fil-Kunsill Ewropew (fil-format tal-Artikolu 50 tat-TUE) fit-22 ta' Ġunju 2017 għar-rilokazzjoni tal-aġenziji tal-Unjoni minn Londra fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, jiġifieri: i. l-assikurazzjoni li l-aġenzija tista' tiġi stabbilita fuq il-post u tibda b'ħidmietha fid-data tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni; ii. l-aċċessibbiltà tas-sit; iii. l-eżistenza ta' faċilitajiet ta' edukazzjoni adegwati għat-tfal tal-persunal tal-aġenzija; iv. aċċess adatt għas-suq tax-xogħol, is-sigurtà soċjali u l-kura medika kemm għat-tfal kif ukoll għall-konjuġi; v. il-kontinwità tal-operat; vi. il-firxa ġeografika;
 5. Jiddispjaċih li l-Parlament ma kienx involut fid-definizzjoni u l-ponderazzjoni tal-kriterji biex jintgħażel il-post tas-sede tal-EBA minkejja l-prerogattivi tal-Parlament, li jipprevedu li l-Parlament u l-Kunsill ikunu koleġiżlaturi fuq bażi ugwali fir-rigward tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010⁵ li jistabbilixxi l-EBA u jiddefinixxi s-sede tagħha;
 6. Ifakkar li d-deċiżjoni tal-2010 dwar is-sede tal-EBA, flimkien mad-deċiżjoni dwar is-sede tal-EIOPA u l-ESMA, għet konkluzja skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja wara proċedura ta' trilogu kompluta; josserva li s-sede tal-aġenzija l-oħra li trid tiġi ttrasferita minn Londra għet deċiżja permezz ta' ftehim komuni bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fil-livell ta' Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern; jirrimarka l-fatt li l-Kunsill (fil-format tal-Artikolu 50 tat-TUE) għażel is-sede l-għdida tal-EBA abbażi tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-aġenziji deċentralizzati tad-19 ta' Lulju 2012, li hija ta' livell ġuridiku aktar baxx meta mqabbla mar-Regolament (UE) Nru 1093/2010;
 7. Jiddeplora n-nuqqas ta' trasparenza u responsabbiltà li kkaratterizza l-proċedura tal-votazzjoni fil-Kunsill fl-20 ta' Novembru 2017, meta d-deċiżjonijiet finali spiċċaw ittiegħu bil-polza; jirrimarka l-fatt li bħalissa l-aġenziji huma parzjalment iffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni u li anke l-ispejjeż tar-rilokazzjoni, li qegħdin jiġu nnegożjati bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit, jistgħu parzjalment ikollhom jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni; jenfasizza, għaldaqstant, il-ħtieġa ta' responsabbiltà demokratika u proċess deċiżjonali trasparenti u komprensibbli fl-

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

interess taċ-ċittadini Ewropej; jitlob aktar dettalji dwar il-ponderazzjoni tal-kriterji applikati mill-Kunsill fil-proċedura tal-għażla tas-sede tal-EBA;

8. Jemmen li l-Parlament għandu jkun involut sistematikament u fuq l-istess livell mal-Kummissjoni u l-Kunsill fid-definizzjoni u l-ponderazzjoni tal-kriterji fl-għażla tas-sede tal-korpi u l-aġenziji kollha tal-Unjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iniedu reviżjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta tad-19 ta' Lulju 2012 dwar l-aġenziji deċentralizzati, bil-ħsieb li jkun żgurat l-involviment qawwi tal-Parlament filwaqt li jiġu rispettati b'mod partikolari s-setgħat ta' kodeċiżjoni tiegħu;
9. Jenfasizza d-diversi kompiti u oqsma ta' kompetenza tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, jiġifieri l-EBA, l-EIOPA u l-ESMA; ifakkar id-deċiżjoni intenzjonali tal-koleġiżlaturi li joħlqu tliet awtoritajiet b'kompiti u oqsma ta' kompetenza separati, waħda għas-settur bankarju, waħda għas-settur tat-titoli u waħda għas-settur tal-assigurazzjoni u l-pensjonijiet; jesiġi li din is-separazzjoni tibqa' tiġi riflessa fil-kompetenzi regolatorji u superviżorji u fil-governanza, l-organizzazzjoni u l-finanzjament prinċipali tal-attivitajiet tal-aġenziji, irrispettivament minn fejn tkun is-sede tagħhom, filwaqt li jitħalla lok għall-kondiviżjoni, jekk ikun il-każ, ta' servizzi ta' appoġġ amministrattiv u ta' ġestjoni tal-faċilitajiet li mhumix relatati mal-attivitajiet ewlenin, u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iħarsu l-istruttura attwali tat-tliet awtoritajiet matul u wara r-rilokazzjoni tal-EBA; jitlob aġġornament regolari min-naħa tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward, b'mod partikolari waqt il-proċedura leġiżlattiva li għaddejja dwar ir-rieżami tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (COM(2017)536); ifakkar li l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 huwa parti mill-proċedura leġiżlattiva ta' rieżami tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (COM(2017)536);
10. Jissottolinja li r-rilokazzjoni u l-bini l-ġdid jeħtieġ ikunu lesti fid-data li fiha jidħol fis-seħħ il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea;
11. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;
12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (EU) Nru 1093/2010 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fir-rigward tal-post tas-sede tal-Awtorità Bankarja Ewropea

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw mal-Bank Ċentrali Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁶,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁷,

Billi:

⁶ ĠU C 197, 8.6.2018, p. 72.

⁷ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018.

- (1) Fil-kuntest tan-notifika tar-Renju Unit fid-29 ta' Marzu 2017 tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (**TUE**), is-27 Stat Membru ieħor, imlaqqgħin fl-20 ta' Novembru 2017 fil-marġini tal-Kunsill, għażlu lil Pariġi, Franza, bħala s-sede l-ġdida **tal-Awtorità Superviżorja Ewropea** (l-Awtorità Bankarja Ewropea) (**l-“Awtorità”**).
- (2) *B'kont meħud tar-"Rapport konġunt tan-negozjaturi tal-Unjoni Ewropea u tal-Gvern tar-Renju Unit dwar il-progress fl-ewwel fażi tan-negozjati skont l-Artikolu 50 tat-TUE dwar il-ħruġ ordnat tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea" tat-8 ta' Diċembru 2017 u b'mod partikolari tal-kapitolu dwar is-saldu finanzjarju, u tal-impenn tar-Renju Unit li jikkontribwixxi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-snin finanzjarji 2019 u 2020 daqslikieku jkun għadu fl-Unjoni u li jħallas is-sehem tiegħu tal-finanzjament tal-impnġi pendenti fil-31 ta' Diċembru 2020, l-ispejjeż tar-rilokazzjoni tas-sede tal-Awtorità kkawżati mid-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni għandhom jitħallsu mill-kontribwenti kollha tal-Unjoni permezz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni. Ir-Renju Unit offra li jiddiskuti ma' dawk l-aġenziji tal-Unjoni li għandhom is-sede tagħhom f'Londra dwar kif jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż tal-ħruġ tagħhom.*

- (3) B'kont meħud tal-Artikolu 50(3) *tat-TUE*, jenħtieġ li *l-Awtorità* tibda tokkupa s-sede l-ġdida tagħha ■ mit-30 ta' Marzu 2019 ■ .
- (4) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-Awtorità fil-post il-ġdid tagħha, jenħtieġ li jiġi konkluż ftehim dwar il-kwartieri ġenerali bejn l-Awtorità u Franza *u li jiġi approvat proġett ta' bini skont l-Artikolu 88 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013*⁸ qabel ma *l-Awtorità* tibda tokkupa s-sede l-ġdida tagħha. *Jenħtieġ li s-sede l-ġdida tkun lesta u adatta għall-fini ta' rilokazzjoni permanenti sat-30 ta' Marzu 2019. Jenħtieġ li l-ftehim dwar il-kwartieri ġenerali jirrifletti r-responsabbiltà tal-awtoritajiet Franċiżi li jipprovdu l-aktar kundizzjonijiet xierqa biex jiġi żgurat li l-Awtorità tiffunzjona sewwa fil-kuntest tar-rilokazzjoni tagħha.*
- (5) *It-trasferiment tas-sede tal-Awtorità la jaffettwa l-pjan tal-istabbiliment kif adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, u lanqas l-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali jew għall-aġenti l-oħra li jaħdmu fl-Awtorità .*

⁸ *Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar ir-regolament finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).*

- (6) *Jenħtieġ li r-rilokazzjoni tal-Awtorità ma jkollha l-ebda konsegwenza rigward l-eżekuzzjoni tal-mandati distinti tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jew iż-żamma tal-istatus legali separat tagħhom. Ir-rilokazzjoni tista' tippermetti, fejn ikun applikabbli, il-kondiviżjoni bejn aġenziji tal-Unjoni ta' servizzi ta' appoġġ amministrattiv u servizzi ta' ġestjoni tal-faċilitajiet li ma jkunux relatati mal-attivitajiet ewlenin.*

- (7) *Jenħtieġ li r-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jitmexxew b'kooperazzjoni reċiproka leali, u li kull istituzzjoni taġixxi fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilha fit-TUE u fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-proċeduri, il-kundizzjonijiet u l-oġettivi stabbiliti fihom.*
- (8) Sabiex ***l-Awtorità*** tingħata biżżejjed żmien għar-rilokazzjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza ***wara l-adozzjoni tiegħu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja.***
- (9) Għaldaqstant jenħtieġ li ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ jiġi emendat skont dan,

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1093/2010 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 7

Sede

L-Awtorità għandu jkollha s-sede tagħha f'Pariġi, Franza.

Il-post tas-sede tal-Awtorità ma għandux jaffettwa l-eżekuzzjoni tal-kompiti u tas-setgħat tal-Awtorità, l-organizzazzjoni tal-istruttura ta' governanza tagħha, l-operat tal-organizzazzjoni prinċipali tagħha, jew il-finanzjament prinċipali tal-attivitajiet tagħha, filwaqt li jippermetti, fejn ikun applikabbli, l-kondiviżjoni ma' aġenziji tal-Unjoni ta' servizzi ta' appoġġ amministrattiv u ta' ġestjoni tal-faċilitajiet li ma jkunux relatati mal-attivitajiet ewlenin tal-Awtorità. Sa ... [id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju] u kull 12-il xahar wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-konformità ta' dawn l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej ma' dak ir-rekwiżit."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika **■** mit-30 ta' Marzu 2019**■** .

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

Dikjarazzjoni tal-Kunsill EBA/EMA

Waqf li jfakkar l-impenn tal-PE, il-Kunsill u l-Kummissjoni għal kooperazzjoni sinċiera u trasparenti, u fid-dawl tal-proċess segwit għar-rilokazzjoni tal-EMA u l-EBA, li kien speċifiku għas-sitwazzjoni u ma jikkostitwixxix preċedent għas-sede ta' aġenziji fil-futur,

Filwaqt li jfakkar fit-Trattati, il-Kunsill jirrikonoxxi l-valur ta' skambju ta' informazzjoni msaħħa mill-istadji inizjali ta' proċessi futuri għas-sede ta' aġenziji.

Tali skambju ta' informazzjoni bikri jagħmilha eħfef għat-tliet Istituzzjonijiet biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont it-Trattati permezz ta' proċeduri relatati.

Il-Kunsill jieħu nota tat-talba mill-PE li tiġi riveduta, mill-aktar fis possibbli, id-Dikjarazzjoni Konġunta u l-Approċċ Komuni dwar Aġenziji deċentralizzati tal-2012. Bħala l-ewwel pass, huwa jistieden lill-Kummissjoni biex ttipprova, sa April 2019, analiżi fil-fond dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta u l-Approċċ Komuni fir-rigward tas-sede ta' Aġenziji deċentralizzati. Din l-analiżi għandha sservi bħala bażi biex tiġi vvalutata t-triq 'il quddiem fl-involvement mal-proċess ta' reviżjoni bħal din.